MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Rikors Numru. 135/2012

Wara l-ittra uffiċjali numru 3570/2011 fl-ismijiet:

**Adrian Warrington**

**-vs-**

**Josef Galdes**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ippreżentat fid-9 ta’ Frar 2012 li permezz tiegħu Josef Galdes ppremetta:

Illi ġie notifikat bl-ittra uffiċjali permezz ta’ liema l-intimat odjern Adrian Warrington qed jipprova jirrendi eżekuttivi ħmistax-il (15) kambjala u ċjoe’ erbatax-il (14) waħda bl-import ta’ elf Ewro (€1,000) il-waħda, u waħda bl-import ta’ sitta u erbgħin elf Ewro (€46,000) komplessivament ammont għal sittin elf Ewro (€60,000).

Illi fl-ewwel lok u *in linea* preliminari jiġi rilevat li l-kambjali in kwistjoni huma nieqsa minn element essenzjali previst għall-forma tagħha *ai termini* tal-Artikolu 123 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċjoe' "l-valur mogħti fi flus, f'merkanzija, f'kont, jew f'kull mod ieħor". Tali nuqqas għalhekk iġib in-nullita' tal-istess kambjala.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fi kwalunkwe każ għalkemm fuq l-imsemmija kambjali ma ġiex indikat in-natura tad-dejn, dawn inħarġu in konnessjoni ma' ftehim ta' lokazzjoni li kien sar bejn ir-rikorrent u l-intimat Warrington, u ċjoe' għal-lokazzjoni tal-fond *"Gentlemen's Club"*, Ball Street, Paceville.

Illi r-rikorrent kien iffirma dan il-ftehim, mingħajr assistenza legali, liema ftehim kien pero' suġġett bi qbil bejn il-partijiet sa minn qabel ma ġie ffirmat xi ftehim xi ftehim, li r-rikorrent jottjeni self minn bank. Effettivament l-intimat Warrington kien wiegħed lir-rikorrent li ser jgħinu jottjeni self u kien għalhekk li fuq suġġeriment ta' l-istess Warrington kien wiegħed lir-rikorrent li ser jgħinu jottjeni self u kien għalhekk li fuq suġġeriment tal-istess Warrington ġew iffirmati l-imsemmija kambjali.

Illi fil-fatt l-intimat Warrington kien ħa lir-rikorrent għand diversi banek lokali sabiex ir-rikorrent jottjeni dan is-self u b'hekk ikun jista' jkompli bil-kirja. Madankollu, il-banek irrifjutaw li jsellfu lir-rikorrent.

Illi ġaladarba r-rikorrent ma rnexxielux jottjeni dan is-self, li kien diġa' kien essenzjali sabiex ikompli bil-kirja, huwa rritorna ċ-ċwievet u l-pussess vakanti tal-fond in kwistjoni lill-intimat, li min-naħa tiegħu aċċetta inkondizzjonament tali ċwievet u b'hekk l-istess ftehim ta' lokazzjoni ġie rexiss. Din il-konsenja saret fl-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan. Fir-realta' r-rikorrent baqa' fil-pussess tal-fond *de quo* għal *circa* tlett (3) xhur biss. Sa fejn jaf ir-rikorrent, il-fond *de quo* għadu fil-pussess tal-intimat Warrington.

Illi għalhekk illum il-ġurnata żgur li ma hemmx aktar il-*causa* li tat lok għall-iffirmar tal-istess kambjali u l-ammont li jirrappreżentaw mhux dovut.

Illi minkejja tali rexissjoni tal-ftehim ta' lokazzjoni, l-intimat Warrington xorta waħda issa qed jippretendi permezz ta' ittra uffiċjali fuq premessa li jitħallas l-ammont ta' sittin elf Ewro (€60,000) li ma huma xejn ħlief rigal għal-lokazzjoni liema lokazzjoni pero' kif ġja' sottomess ntemmet.

Illi kif hu paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna, azzjoni fuq kambjala bejn il-partijiet li ħarġu l-istess, ma tistax timxi waħedha mingħajr riferenza għall-ħruġ tagħha. Kif ġie fil-kawża fl-ismijiet **"John Giordmaina et vs Joseph Pace et" (**Prim'Awla 3391/2003 – 16 ta' Jannar 2003):

*"Il-leġistratur Malti ma għamilx il-kambjala titolu eżekuttiv, speċifikatament biex il-kambjala, diment li tkun għada fil-pussess tal-persuna favur min inħarġet, ma tiġix użata bħala magna ta' estorzjoni, iżda min jitlob ħlas fuqha ikun irid jiġġustifika t-talba tiegħu, għax altriment tista' tkun obbligazzjoni bla kawża (jekk ma jkunx wettaq id-doveri tiegħu) {Bħal ma huqa l-każ odjern} li ma tistax tiġi enforzata. Kambjala ma toħloq qatt novazzjoni tal-obbligazzjoni preċedenti."*

Għaldaqstant, *in vista* tal-premess ir-rikorrent bir-rispett jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha *ai termini* tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjali kollha li tagħhom l-intimat odjern Adrian Warrington permezz tal-ittra uffiċjali fuq indikata qed jitlob li jsiru titolu eżekuttiv.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' Josef Galdes u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ta' Adrian Warrington, prezentata fis-27 ta' Frar 2012 li permezz tagħha premetta:

1. Illi fir-rikors tiegħu l-intimat Galdes iqajjem l-eċċezzjoni preliminari illi l-kambjali huma nulli minħabba

allegat nuqqas tal-valur mogħti fi flus, f'merkanzija, f'kont jew f'kull mod ieħor;

2. Illi f'dan ir-rigward l-esponenti jirrileva illi l-argument li l-intimat qed jittenta jipproponi permezz tal-eċċezzjoni preliminari tiegħu huwa kemm fattwalment u kif ukoll legalment skorrett, u dan peress illi, minn sempliċi analiżi tal-kambjali mertu tal-vertenza odjerna jirriżulta inekwivokabbilment illi l-kambjali jirreferu ċar u tond għal somma ta' flus denominata f'Ewro, b'dan illi r-rekwiżiti tal-Artikolu 123 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta liema artikolu jistipula x' *"għandu jkun fiha"* kambjala ġew segwiti fl-intier tagħhom;

3. Illi għalhekk huwa ċar illi din l-eċċezzjoni mqajma mill-intimat ma hija xejn għajr tentattiv sabiex jiġi mtawwal iż-żmien tal-ħlas peress illi ċertament ma jistax jingħad illi l-kambjali *de quo* huma nulli;

4. Illi eċċezzjoni oħra mressqa mill-intimat Galdes hija dwar il-mertu, u ċjoe':

*"Illi r-rikorrent kien iffirma dan il-ftehim, mingħajr assistenza legali, liema ftehim kien <u>pero' suġġett bi qbil bejn il-partijiet sa minn qabel ma ġie ffirmat xi ftehim</u>, li r-rikorrenti jottjeni self minn bank"*

hija għal kollox estraneja għal dan ir-rikors peress illi titratta xi allegata obbligazzjoni oħra separata u distinta mill-obbligazzjoni naxxenti mill-kambjali *de quo*;

5. Illi wieħed mill-elementi essenzjali tal-kambjala u r-raġunijiet prevalenti għala l-kambjala kienet u għadha strument importanti fil-kummerċ huwa l-fatt illi meta tinħareġ kambjala din tikkreja obbligazzjoni *ad hoc,* li hija distinta mill-kawża distinta mill-kawża jew obbligazzjoni oriġinali. Din hija anke t-teorija tal-ġurist Navarrini. Tant hu hekk illi hemm diversi sentenzi li fihom l-Onorabbli Qorti tgħid dan, u tgħid illi l-uniċi oppożizzjonijiet għall-eskuzzjoni tal-kambjala li wieħed jista' jġib huma biss dawk relatati mal-kambjala u mhux mal-obbligazzjoni oriġinali ossija *"the underlying obligation"* fosthom:

a. **“Charles Gatt vs Joseph Vassallo Gatt”** (Qorti tal-Kummerċ, deċiża nhar il-15 ta’ Novembru 1993) fejn l-Onorabbli Qorti rriteniet illi *“appena kambjala tiġi ammessa, tiġi kreata obbligazzjoni ad hoc* ***għal kollox indipendenti u separata*** *minn kwalunkwe obbligazzjoni li setgħet tipprecediha”;*

b. **“George Zahra vs Alfred Borg”** (Qorti tal-Kummerċ, deċiża nhar it-28 ta’ April, 1995) fejn l-Onorabbli Qorti rriteniet *“illi l-Qrati dejjem irritenew illi f’azzjoni kambjarja huma permessi biss eċċezzjonijiet li jikkontestaw il-validata’ formali tal-kambjala in kwantu li tkun prima facie monka mill-elementi kostituttivi essenzjali tagħha kif trid il-liġi”;*

c. **“Joseph Gauci et vs Jacqueline Galea noe”** (Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża nhar l-24 ta’ Novembru 2010) fejn l-Onorabbli Qorti, filwaqt illi tenniet dak miżmum mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fil-fuq imsemmija kawża **“Zahra vs Borg”** iċċitat ukoll is-sentenza riportata fil-Volum XXIX – Pt I pġ 1136 fejn ġie ritenut illi *“Meta f’kawża għall-ħlas ta’ somma li tirriżulta minn kambjala jingħataw eċċezzjonijiet ta’ natura tali li ma tistax titwaqqaf il-kawża u l-likwidazzjoni tal-kontijiet bejn il-partijiet tieħu ż-żmien, il-konvenut ma jistax jirrifjuta li jħallas”;*

d. **“Godwin Navarro vs G.T. Shirts Co Ltd et"** (Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża nhar il-25 ta’ Mejju 2011) fejn l-Onorabbli Qorti osservat illi *“kwistjonijiet rigwardanti d-difett fil-merkanzija li xtraw il-kovenuti mingħand l-attur huma rrilevanti għal din il-kawża”;*

6. Illi għalhekk jirriżulta kjarament mill-ġurisprudenza lokali illi l-uniċi eċċezzjonijiet li jistgħu jitqajmu bħala oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni tal-kambjala jridu jkunu dawk relatati mal-kambjala u mhux mal-obbligazzjoni oriġinali li minħabba fiha tkun inħarget l-istess kambjala. Huwa ċar ukoll mill-ġurisprudenza nostrana illi l-eċċezzjonijiet iridu jkunu ta’ *‘facile spedizione’* peress illi jekk ikun hemm dewmien biex isir il-

ħlas il-kambjala titlef il-vantaġġ intrinsiku tagħha, ossija li tiffaċilita' l-ħlas fil-kummerċ;

7. Illi mingħajr preġudizzju għal dak kollu rilevat, b'referenza għar-raba' paragrafu tar-rikors tal-intimat, l-esponenti jippreċiża illi, filwaqt illi l-affermazzjoni da parti tal-intimat illi huwa ffirma ftehim *'mingħajr assistenza legali'* ma hija tal-ebda relevanza għall-kwistjoni odjerna, din l-affermazzjoni mhijiex veritjiera *stante* illi waqt l-iffirmar tal-kambjali huwa kien assistit min-Nutara di xjelta tiegħu Dr Alexandra Micallef;

8. Illi mingħajr preġudizzju għal dak kollu rilevat, b'referenza għal darb'oħra għar-raba' paragrafu tar-rikors tal-intimat il-mittenti, filwaqt li jiċħad bħala kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt il-premessa tal-intimat illi l-ftehim oriġinali *"kien pero' suġġett bi qbil bejn il-partijeit sa minn qabel ma ġie ffirmat xi ftehim, li r-rikorrenti jottjeni self minn bank"* jirrileva għal darba' oħra li tali premessa hija rrilevanti għall-kwistjoni odjerna;

9. Illi r-rikors a tenur tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 seta' jsir **biss** jekk il-firma fuq il-kambjala mhijiex dik tad-debitur jew jekk teżisti xi raġuni gravi u valida, liema rekwiziti ma jissustixxux fir-rikors tal-intimat b'dan illi l-presupposti tal-liġi ma ġewx sodisfatti;

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tal-intimat sabiex jissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjali kollha in kwistjoni u konsegwentement tiddikjara u tordna illi l-kambjali mertu ta' dan ir-rikors jikkostitwixxu titolu eżekutti u dan *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tikundanna lill-intimat Galdes sabiex iħallas lill-esponenti s-somma ndikata fl-ittra uffiċjali preżentata fit-3 ta' Novembru 2011 ammontanti għal sittin elf Euro (€60,000) u dan import tal-istess kambjali annessi mal-ittra uffiċjali.

Bl-interessi legali fuq kull kambjala mid-data tal-iskadenza sal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ppreżentata fit-3 ta’ Novembru 2011

Rat l-atti proċesswali kompriżi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Marzu 2012 fejn ir-rikors ġie differit għas-sentenza wara saret id-debita trattazzjoni mid-difensuri rispettivi;

Ikkunsidrat.

Illi r-rikorrenti qed jitlob is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-ittra uffiċjali li allura rrendiet esegwibbli d-dokumenti imsemmija fil-konfront tagħhom *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap 12. Dan l-artikolu jgħid li kambjali u *promissory notes* huma atti esekuttivi purke issir l-intimazzjoni ġudizzjarja skond l-istess Artikolu. Il-proviso tal-istess Artikolu jagħti lill-intimat f’dawk il-proċeduri l-opportunita’ jitlob appuntu s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni u hija din il-proċedura li qed tiġi adoperata mir-rikorrent. Biex jagħmel dan pero’ r-rikorrenti jrid jissodisfa lill-Qorti jew li l-firma in kwistjoni ma tkunx tiegħu, inkella jkun hemm raġunijiet gravi u serji biex dan isir.

Il-Qorti trid tagħmilha ċara illi hija b’ebda mod m’għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi il-Qrati tagħna fir-rigward tal-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 tal-Kap 12 li hija simili għal din il-proċedura (naturalment hemm differenzi importanti għaliex l-Artikolu 836 jirrigwardja l-ħruġ ta’ kontro-mandat) din għandha tkun waħda sommarja u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta’ *prima facie*. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża **“Camilleri vs Gove et”** deċiża fl-10 ta’ Mejju 2001: *“mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta’ prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f’dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta’ proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja.”* (ara wkoll is-sentenza fil-kawża **“Emanuel Sammut vs Josephine Sammut”** deċiża fil-5 ta’ Ġunju 2003). F’sitwazzjoni bħal

dik odjerna pero', billi r-rikorrenti jkun qed jitlob biss l-opportunita' li jikkontesta azzjoni kambjarja eventwali, il-Qorti tħoss ukoll li għandha tkun sodisfatta li dwar il-validita' tal-kambjala *ut sic* u li dwar iċ-ċirkostanzi rigwardanti l-ħruġ tagħha ma hemm ebda dubju ta' validita'. (Digriet ta' din il-Qorti fl-atti **"Pecorella vs Sovereign Caterers"**, 11 ta' Marzu 2009 – dan il-ħsieb kondiviż mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 2012 għalkemm id-digriet ġie revokat għal raġuni oħra li m'għandhiex rilevanza f'dan il-każ.

Għalhekk il-Qorti trid tara jekk *prima facie* jeżistux raġunijiet, dejjem skond is-sub-artiklu msemmi mir-rikorrenti, biex il-Qorti tagħti ċans lir-rikorrenti li jikkontestaw din il-kawża eventwali, għaliex ma hemmx dubju li l-emenda li permezz tagħha l-kambjala saret titolu eżekuttiv kienet intiża biex tevita azzjonijiet inutili fejn l-eċċezzjonijiet tal-intimat huma tassew limitati. Kwindi l-Qorti trid appuntu tara jekk l-intimat hemmhekk ikollux opportunita' jressaq b'suċċess dawn l-eċċezzjonijiet.

Illi l-ewwel kawali tar-rikorrenti hija li fuq id-dokumenti in *"kwistjoni hemm nieqes element essenzjali previst għall-forma tagħha."* Ir-rikorrenti jirreferu għal *'valur mogħti fi flus, f'merkanzija. f'kont jew kull mod ieħor'*. Madankollu huwa stess jistultifika dan kollu meta fl-istess rikors indika bi preċiżjoni l-ammonti ta' flus li għalihom hemm import tagħhom fil-kambjali. Din il-lanjanza għalhekk hija manifestament infondata.

Illi fit-trattazjoni l-Avukat tar-rikorrent irrefera għall-fatt li l-kambjala mhumiex iġġirati. Madankollu dwar dan ma hemm ebda riferenza fir-rikors u għalhekk il-Qorti ma tistax tinvestiga dwar din il-kwistjoni. Għandu jingħad pero' illi fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **"John Giordmaina vs Joseph Pace"** deċiża fis-16 ta' Jannar 2003 il-Qorti qalet li meta l-kawża tkun bejn il-partijiet inizjali, u ċjoe' li l-kambjala ma tkunx ġiet iġġirata, il-firma tal-kreditur mhijex daqshekk importanti għalkemm naturalment id-debitur jista' jagħti eċċezzjonijiet personali għall-attur. *Oltre* dan il-Qorti qalet ukoll li l-attur

jista' jekk ikun irid jitlob li jissana d-dokument billi jirtirah u jiffirmah bil-permess tal-Qorti.

Illi dwar it-tieni lanjanza, ir-rikorrenti qed isostni illi l-kambjali kienu parti minn ftehim ta' lokazzjoni bejn il-partijiet li pero' sfaxxa għaliex huwa ma ottjenix self mill-banek. Jekk il-Qorti toqgħod tinvestiga jekk kambjala tkunx parti minn xi ftehim ieħor, dan ikun ifisser li l-istitut tal-kambjala jista' jigi estint. Is-saħħa tal-kambjala hija li għandha ħajja ġuridika indipendenti minn kull rapport ieħor ġuridiku; salv naturalment kull dritt li jista jkollu d-debitur tagħha. (**"Gatt vs Vassallo Gatt"**, Qorti tal-Kummerċ, 15 ta' Novembru 1993).

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi dan ir-rikors billi tiċħad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------